MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Numru. 516/2002

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri u
Sp Silvio Valletta)
vs
Paul Kavanagh, iben David,
imwieled l-Ingilterra fit-18 ta'
jannar, 1978

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fil-lejl ta' bejn is-6 u is-7 ta' frar, 2002 flimkien ma persuni oħra, ikkometta serq ta' van tal-għamla Subaru, bin-numru tar-reġistrazzjoni JOE 029, mill-garage numru 9, sitwat fi Triq il-Kultellaz, Mosta, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Giuseppe Muscat mill-Mosta;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkometta serq ta’ diversi għodod u aċċessorji oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta’ l-istess Giuseppe Muscat mill-Mosta;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u fil-ġranet ta’ wara din id-data volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ fuq il-van tal-għamla Subaru, bin-numru tar-reġistrazzjoni JOE 029, kif ukoll fuq il-bieb ta’ l-imsemmi garage, liema ħsara tammonta għal iżjed minn ħamsin liri maltin (Lm50) iżda mhux iżjed minn ħames mitt lira maltin (Lm500) għad-dannu ta’ Giuseppe Muscat;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
5. talli fl-10 ta’ frar, 2002 fiċ-ċella numru 212, sitwata fil-Kwartieri Ġenerali
tal-pulizija, Floriana volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ fuq il-bieb ta’ l-imsemmija ċella, kif ukoll fuq l-għamara tagħha, liema ħsara tammonta għal iżjed minn ħamsin lira maltin (Lm50) iżda mhux iżjed minn ħames mitt lira maltin (Lm500) għad-dannu tal-Gvern ta’ Malta.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat jħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-11 ta’ diċembru, 2002 fejn iddikjara li wara li ra
l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
fl-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279(b), 280, 281, 325(a), 334, 17(h), 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' jannar, 2003 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' jannar, 2003 fejn il-prosekuzzjoni ddikjarat li l-ħsara li ġarrab il-van meritu ta' dan il-każ hi ta' Lm60 u il-ħsara li saret fiċ-ċella hi ta' Lm10.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' jannar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kkontra tiegħu ħlief dik tar-riċettazzjoni.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Illi r-refurtiva ġiet kollha ritornata u għalhekk hemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali. Tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta' erba' snin mil-lum, jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Rat l-artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-ħruġ ta' ordni ta' superviżjoni kontra l-imputat u tqegħidu taħt is-sorveljanza ta' Carmen Borg. Rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' sittin liri maltin (Lm60) danni li Giuseppe Muscat. Tikkundanna lill-imputat li jħallas multa ta' għoxrin liri maltin (Lm20). Fl-aħħar nett, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas mitt liri maltin (Lm100) spejjez inkorsi fil-ħatra ta' esperti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------